Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 207 :: AWWISSU 2013

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **30 t'Awwissu, 2013** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm il-**Ħadd, 22 ta' Settembru, 2 pm,** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## LIL MIN TIKKONĊERNA...

Wara sena ħidma mill-kumitat ad interim, nhar it-22 ta' Ġunju 2013 saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda tal-Malti - Universita`,ġewwa Dar l-Ewropa li għaliha attendew diversi membri. Dakinhar inħatar kumitat ġdid sabiex jissokta bil-ħidma fis-sentejn li ġejjin. Il-ħidma tal-Għaqda llum firxet għeruqha f'diversi oqsma u għaldaqstant il-kumitat il-ġdid se jkompli jaħdem bla heda. Barra minn hekk nixtiequ naqsmu magħkom l-ewwel attivitajiet tal-Għaqda. L-ewwel waħda, 'norbert – poeżiji et al.,' serata mal-poeta Norbert Bugeja li saret nhar it-28 ta' Ġunju, fis-7 pm ġewwa s-Surfside, Tas-Sliema (https://www.facebook.com/events/550233571700512/)
It-tieni, 'Inħarrfu l-Ħrejjef – preżentazzjoni pubblika' li saret nhar it-2 ta' Lulju, fis-7PM ġewwa t-Teatru Salesjan, Tas-Sliema (https://www.facebook.com/events/349721251822996/). Tiegħek,
Leanne Ellul, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, Għaqda tal-Malti Universita`

## KOTBA BIL-MALTI GĦALL-BEJGĦ

Dan l-aħħar kelli talba biex niċċekkja fuq kotba Maltin jekk humiex għall-bejgħ hawn f'Melbourne, kemm minn membri tagħna u kemm minn membri tal-Koumunita` Maltija in ġenerali. Dawn kienu **"Il-Kultura Maltija"** (Fiona Mallia, 2012) li qed jinbiegħ $22.50 (posta mħallsa min Malta) u **"Ġrajjiet Li Ma Ninsa Qatt"** Volum 1 u Volum 2 (li jinkludi l-posta mħallsa minn Malta) għall-prezz ta' $50. Għal aktar tagħrif ċemplu lil **Mark Bonello 0400 307 945**.

## TOĦROĠ CD TA' MELODIJI TRADIZZJONALI MINN MANUEL CASHA




F'din is-CD wieħed isib għażla ta' mużika tradizzjonali Maltija għall-kitarra, mela ġabra ta' prejjem marbutin mal-għana Malti. Melodiji oħrajn huma ispirati mit-tfulija tal-poeta u kompożitur f'Malta, filwaqt li oħrajn huma ddedikati lil dawk li Casha jsejjaħ eroj Maltin tad-daqq tal-kitarra. Is-CD ġie prodott minn Stan Azzopardi tal-Premier Studio. Manuel Casha jaħdem ħafna fost il-Komunita` Maltija fil-qasam tal-mużika speċjalment fejn jidħol l-Għana Malti. Naħseb kulħadd jiftakar ix-xogħol tiegħu f'CD oħra "Neon" kif ukoll "Il-Ħanut ta' Dwinu". Manuel Casha qalli li dawk li jixtiequ jakkwistaw kopja ta' din is-CD, huwa ħalla ftit kopji fil-librerija taċ-Ċentru Malti, araw lil Gejtu Deguara.

## "QABEL NORQOD….."




Pubblikazzjoni Preca, id-dar editriċi tas-Soċjetà MUSEUM, għadha kif ippubblikat ktieb sabiħ għat-tfal bl-isem "Qabel Norqod…". Il-ktieb hu ssettjat kollu bil-kulur fuq paġni kbar b'kitba ħelwa ta' Joe Galea u tpinġijiet oriġinali ta' Christine Tong.
Dan il-ktieb jiġbor fih mal-140 paġna ta' stejjer interessanti, talb sabiħ u stampi attraenti għat-tfal ta' età żgħira, anki għal dawk li għadhom ma jafux jaqraw. Lil dawn jistgħu jaqrawlhom it-text il-ġenituri waqt li t-tfal jaraw u jiggustaw l-istampi ħelwin.

# IL-KANTILENA — *serata speċjali fl-okkażjoni tar-restawr tal-volum*

Xahar wara s-serata f'ġieħ Rużar Briffa fil-Palazz ta' Sant'Anton, il-President ta' Malta għoġbu jospita mill-ġdid lill-Akkademja tal-Malti, din id-darba flimkien mal-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Nutarili għal serata fl-okkażjoni tar-restawr tal-volum li fih tinsab il-Kantilena ta' Pietru Caxaro – għanja miktuba bil-Malti medjevali u l-eqdem waħda li nstabet s'issa.

Għall-Akkademja tal-Malti, l-Arkivju Nutarili huwa santwarju tal-Malti bikri mżejjen b'għejun ta' kliem li jagħtina ħjiel ta' kif kien mitkellem ilsienna fl-epoki tal-imgħoddi. Is-sejba tal-Kantilena minn Patri Mikiel Fsadni u l-Prof. Godfrey Wettinger fit-22 ta' Settembru 1966 qanqlet riċerka sħiħa u ispirat lil ħafna studjużi biex jiddedikaw ħinhom ifittxu f'dan l-arkivju u jirrestawraw il-manuskritti miġmugħin ġo fih.

Matul is-snin l-Akkademja ħadet ħsieb torganizza għadd ta' seminars u taħditiet fuq il-Kantilena. Nhar il-5 ta' Novembru 2008 l-Akkademja ċċelebrat għeluq l-40 sena mis-sejba tal-poeżija medjevali b'serata fil-Knisja ta' San Duminku, li fiha l-kelliem ewlieni kien il-Prof. Alexander Borg. L-Akkademja ħadet ħsieb ukoll tinnomina lil Patri Mikiel Fsadni għall-Ġieħ ir-Repubblika. Fit-18 u d-19 ta' April 2009 organizzat żewġ seminars f'Palazzo Falson u fl-istess post ukoll, it-taħdita hemme ard bayda v hemme ard seude et hamyra fuq kif il-Ġeografija tgħinna nifhmu l-Kantilena minn Dr John A. Schembri li saret fl-24 ta' Lulju 2011.

Fl-aħħar attività marbuta mal-Kantilena li saret fl-4 ta' Lulju fil-Palazz Verdala, imtellgħa bi sħab mal-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Nutarili, tnieda r-restawr tal-volum li fih tinsab l-għanja ta' Pietru Caxaro – xogħol li sar bl-akbar reqqa u professjonalità minn Dr Theresa Zammit Lupi u li kien sponsorjat mill-Akkademja. Matul id-diskors tagħha, u bil-għajnuna ta' ritratti proġettati, Dr Zammit Lupi tat rendikont dettaljat ta' kif sar ir-restawr fuq il-manuskritt ta' Brandanu de Caxario.

Dr Joan Abela, ko-fundatriċi tal-Kunsill għar-Riżorsi tal-Arkivju Nutarili u waħda mill-voluntiera ħabrieka li jaħdmu fl-arkivju, tkellmet dwar il-ġid prezzjuż merfugħ f'dan l-Arkivju Nutarili – ġawhra tassew importanti fil-wirt nazzjonali ta' artna. Id-diskors ta' Dr Abela wkoll kien imsaħħaħ minn għadd sabiħ ta' ritratti proġettati biex l-udjenza setgħet tapprezza l-ħidma kbira għaddejja mill-voluntiera u r-riċerkaturi li mill-ftit riżorsi u finanzi li jirċievu jkomplu jikkultivaw dan il-patrimonju tant għażiż. Dr Joan Abela saħqet li l-awtoritajiet jeħtieġ jagħtu widen biex l-Arkivju Nutarili jingħata l-attenzjoni li tassew tixraqlu.

Is-serata kienet imżewqa wkoll bil-melodiji ta' Ruben Zahra li daqq iż-żaqq, il-flejguta u ż-żummara, imsieħeb ma' Yuri Charyguine li daqq l-accordion. Minbarra li semmgħu melodiji mill-isbaħ, Zahra ta tagħrif interessanti dwar l-istrumenti nfushom. Saru wkoll kummenti minn Olvin Vella li wera kif il-Kantilena hi xhieda ċara ta' Malti medjevali u kif għadd ġmielu ta' ħsejjes petrifikati fiha llum tlifniehom. Ħsejjes li ħadu l-ħajja hekk kif Prof. Martin Zammit qara l-Kantilena wara li ta l-interpretazzjoni tiegħu fuq uħud mill-kliem li nsibu fiha. Keith Borg qara silta mill-ktieb Esperjenzi ta' Kittieb – is-sejba tal-Kantilena – u li biha tfakkar Patri Mikiel Fsadni li ħalliena ftit taż-żmien ilu. Lejn tmiem is-serata, Carmel Azzopard, il-President tal-Akkademja tal-Malti ppreżenta tifkiriet tal-okkażjoni lill-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta u lill-Prof. Godfrey Wettinger. L-għanja miktuba b'Malti medjevali tinsab fl-ewwel volum tal-atti nutarili ta' Brandanu de Caxaro, miżmuma fl-Arkivju Nutarili, il-Belt, f'reġistru mmarkat R 175/1. ***(grazzi lis-Sur Joe Borg, Akkademja tal-Malti)***

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul,
Fl-aħħar wasalli l-ktieb li bgħattli. Grazzi wisq. Kemm hu sabiħ! Fih xogħol interessanti ħafna, anke ta' kittieba li huma emigranti, li jogħġbuni.
**Leanne Ellul**

Paul, Dejjem grazzi u prosit. Il-'Ġifen Tork' ta' ĠA Vassallo jien kont qlibtu għall-Esperanto u daħħaltu fl-antoloġija ta' Poeti Maltin (1985). Tislijiet.
**Karmenu Mallia**

Għażiż Paul, Għal darb'oħra wasalli l-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija. Nirringrazzjak u prosit għax mimli tagħrif siewi. Imma fuq kollox juri x-xogħol fejjiedi tagħkom b'riżq il-Malti fost ħutna l-emigranti ġewwa l-Awstralja. Jien inħeġġiġkom tissuktaw f'din il-missjoni għax naf kemm hi diffiċli, imma xi tip ta' frott tħalli żgur, almenu sakemm issibu interess fost numru ta' Maltin-Awstraljani. Sliem.
**Alfred Massa**

Għażiż Paul,
Nistqarrlek li nkun qiegħed fuq ix-xwiek sabiex permezz tal-posta elettronika, nirċievi dan il-folju mill-aktar imħejji, mill-grupp tagħkom letterarju. Hu wieħed mill-ftit folji serji, imlewwen tassew. Jogħġbuni saħansitra l-kitbiet ta' min, għax mhux minfuħ bih innifsu, ma jridhiex ta' poeta jew intelletwali, imma kitbietu tindikah kemm ta' wieħed u wkoll ta' l-ieħor. Ninteressa ruħi bil-kbir fil-ġrajjiet li jseħħu hemm (ghalina) u iktar u iktar jekk dawn il-ġrajjiet ikunu sehem minnkom u minn ilsienna. Ibqgħu ħobbu u aħdmu għall-ilsien Malti u tibżgħux minn min jaħseb li hu ikbar minn dan l-Ilsien, minkejja li dan suppost hu Malti bħalna. B'Imħabba
**Mario Griscti**

## IL-LAQGĦA TA' ĠUNJU

Minħabba x-xitwa u li ħafna mill-membri tagħna jsibuha bi tqila biex isuqu fid-dlam, fix-xita u fil-ksieħ, il-kumitat iddeċieda li l-laqgħat ta' Ġunju u Lulju, flok l-aħħar Ġimgħa tax-xahar fis-7.30 pm, isiru l-aħħar Ħadd, fis-2.00 pm. Għal din il-laqgħa ta' Ġunju attendew 16-il membru u barra minn dan kellna tliet apoloġiji minħabba xi raġuni jew oħra. Kienet attendenza sabiħa. Sar xi qari mill-membri, kemm qari oriġinali u qari ta' kittieba oħra. Ġużi Camilleri qara l-kitba tiegħu stess Riedu jibqgħu jgħixu bħal Malta. Charles Attard qara Ħabib, proża mill-ktieb ta' Frank Kassar u Denise Mikallef. Wara, Manwel Cassar qralna ħajki li kiteb huwa stess. Michael Xuereb imbagħad qara tliet poeżiji tiegħu: Ix-Xwejjaħ, il-Kampanja u il-Pittur. Poeżija talmibki u qatt minsi membru tagħna, Laurie Armato, Ir-Ritratt, inqrat minn Marie Louise Anastasi. Dr Victor Sammut qralna xi espressjonijiet bil-Malti li forsi wieħed isibha bi tqila biex jaqlibhom għal lingwa oħra. Espressjonijiet bħal: b'rasek idur, niżżik ħajr, tagħna f'tagħna u oħrajn. Wara l-laqgħa kulħadd ġie mistieden għal kikkra te jew kafe` u xi ħaġa tal-ħelu.

***Fir-ritratt, mix-xellug għal-lemin, jidhru (fuq quddiem): Charles Attard, Armando Catania, Maria Catania, Salvina Vella, Michael Xuereb, Manwel Cassar u Bernadette Cassar. (Fuq wara): Ray Anastasi, Dr Victor Sammut, Marie Louise Anastasi, Rosemary Attard, Joe Lofaro, Rose Lofaro, Paul Vella, Ġużi Camilleri u Josephine Cassar.***




State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# norbert poeżiji et al.

*"Bejn saqajn din il-belt hemm tfajla tibki,*
*l-inkwiet tal-bieraħ jaħsel l-uniformi,*
*fuq wiċċha l-ħdura tar-reġistri bojod*
*u d-dwejjaq riċiklati ġol-uffiċċju."*

Dr Norbert Bugeja, li jaħdem l-Università ta' Kent, huwa poeta li sponta minn bejn il-bliet u l-uffiċċji tal-akkademja. Huwa poeta mill-ġenerazzjoni l-ġdida, li għandha tendenza li mhux biss tikteb dwar kulturi oħra barranin, imma li permezz tal-kitba ssir parteċipi fit-tali kultura. Bugeja huwa magħruf l-aktar għaż-żewġ pubblikazzjonijiet letterarji tiegħu: *Stay, Fairy Tale, Stay! memoirs of a city cast adrift* (Inizjamed u Midsea Books, 2005), u Bliet (Edizzjonijiet Emma Delezio, 2009), kif ukoll għal pubblikazzjoni akkademika: *Postcolonial memoir in the Middle East: rethinking the liminal in Mashriqi writing* (Routeledge, 2012).

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju, saret laqgħa ma' Bugeja għal intervista minn Dr Albert Gatt. L-intervista saret f'ambjent informali u rilassat ġewwa s-Surfside, Tas-Sliema, u d-dħul kien b'xejn. Wara l-intervista u għall-ħoss tal-baħar u t-togħma tal-melħ fl-arja, semgħu lil Bugeja jaqra xi poeżiji li għadhom mhux ippubblikati. Din l-attività kienet organizzata mill-Għaqda tal-Malti – Università.

Issibu aktar tagħrif fuq il-paġna tal-Għaqda tal-Malti fuq Facebook:

www.facebook.com/ghaqdamaltiInħarrfu l-Ħrejjef:

## Preżentazzjoni Pubblika

*X'inhu l-imgħoddi?*
*Tifkira li kif tmissha*
*ssirlek ħrafa.*

**Oliver Friggieri**

Nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju, saret il-preżentazzjoni ta' għadd ta' ħrejjef miktuba minn tfal li l-età tagħhom tvarja minn 8 sa 12-il sena.

Din il-preżentazzjoni saret wara kors ta' 6 sessjonijiet organizzati mit-Teatru Salesjan, l-Għaqda tal-Malti – Università, u l-Juniors Salesjani. Matulhom il-parteċipanti ffamiljarizzaw ruħhom ma' erba' ħrejjef Maltin; imbagħad addattawhom sa ma ħarġu bil-ħrafa tagħhom. Is-sessjonijiet kienu ddokumentati kemm fuq il-paġna tat-Teatru Salesjan fuq il-Facebook, kif ukoll permezz ta' blogg.

Il-preżentazzjoni, saret ġewwa t-Teatru nnifsu, 45, Triq Howard. Minbarra ktejjeb li qed ikun stampat f'ammont limitat, il-preżentazzjoni saret mill-parteċipanti nfushom, billi inqasmu f'erba' gruppi fi nħawi differenti tat-Teatru, u kull grupp ippreżenta l-ħrafa tiegħu, min b'qari, min b'*PowerPoint*, u min b'mezzi oħra. Id-dħul kien b'xejn, u kemm il-midja kif ukoll familji u persuni oħra interessati, kienu mħeġġa jattendu.

Għal aktar tagħrif ara:

www.hrejjef.wordpress.com

# 'MAL-WATAR TAL-KITARRA'

## *— ġabra ta' poeżiji Tal-Kapuċċin Patri Wistin Attard*

Dawn il-ġranet ġie f'idejja l-ktieb tal-poeżiji tal-Kapuċċin Patri Wistin Attard "Mal-Watar tal-Kitarra", mitbugħ għand il-Best Print Ltd tal-Qrendi, li l-Provinċja tal-Aħwa Kapuċċini Maltin għadha kemm ippubblikat fl-okkażjoni ta' għeluq il-100 Sena tal-Parroċċa tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa. Ma rridux ninsew li l-awtur ta' din id-damma ta' poeżiji, Patri Wistin twieled il-Marsa u tgħammed f'din il-knisja ċentinarja. Qabel dan ix-xogħol huwa kien ippubblika ktieb ieħor bil-poeżiji bl-isem ta' 'Qtar ta' Nida' (1992). Huwa għamel snin twal imexxi l-istamperija Serafika li l-Komunita' Kapuċċina kellha fil-kunvent tal-Furjana. Il-poeżiji tiegħu dehru f'diversi rivisti u nqraw fuq stazzjonijiet tar-radju. Issa ilu għal ħafna żmien jikteb u jieħu ħsieb ir-Rokna tat-Tfal u tal-Kompetizzjonijiet tar-Rivista popolari 'Dawl Franġiskan' – Leħen il-Kapuċċini Maltin -- fejn jien ġie li nikkontribwixxi wkoll.

Kif jistqarr il-Prof. Oliver Friġġieri fid-Daħla Kritika tiegħu għal dan il-ktieb, il-poeżija ta' Patri Wistin Attard, li kien għamel in-Novizzjat tiegħu fil-Kunvent li dawn l-irhieb twajba għandhom qabel taqbad it-triq lejn Marsalforn u fejn jien niftakru wkoll bħala patri ħabrieki u sieket, hija espressjoni diretta tal-fidi reliġjuża tiegħu u tal-imħabba impenjata u prattika lejn il-ħlejjaq kollha ta' Alla. Hija liema hija t-tema, huwa jikteb dejjem bħala awtur li jrid jinħass u jiftiehem minnufih. Fl-isfond tat-tradizzzjoni poetika huwa jsib lilu nnifsu, l-iżjed meta jinqeda b'mudelli figurattivi, b'figuri rettoriċi, bi frażarji, b'għażla lessikali, b'tonalitajiet u b'ritmi li huma tipiċi tat-tradizzjoni poetika Ewropea, u għalhekk Maltija u Mediterranja. Kollox jingħaraf fil-kwadru tal-wirt klassiku-romantiku. Fuq dawn il-punti ta' appoġġ, sodi u mġarrba maż-żmien u dejjem dominanti fil-poeżija tas-Sud, huwa jibni d-dinja lirika tiegħu. Kurjuża dil-poeżija li ġejja li l-poeta semma 'Insejna'.

*X'kont qed ngħidlek*
*insejt qabel ma bdejt ngħidlek,*
*Int insejt kull ma ridt ngħidlek*
*ħafna qabel ma nsejt ngħidlek.*
*Jien ġa nsejt dak li qed ngħidlek*
*għax insejt li nsejt ngħidlek*
*x'insejt ngħidlek,*
*Għax insejt li qiegħed ninsa,*
*bħalma inti*
*insejt tgħidli*
*x'insejt ngħidlek.*
*Jien qed ninsa li qed tinsa,*
*int qed tinsa li qed ninsa,*
*U issa nsejt kulma ridt ngħidlek,*
*u inti nsejt li jien ġa nsejt.*




Minn versi regolari sa versi ħielsa, minn strofi formali sa strofi improviżati u bissaħħa ta' għażla wiesgħa ta' mudelli ritmiċi, Patri Wistin jissokta jseddaq il-prinċipju Orazjan, klassiku daqskemm dejjiemi, li l-Poeżija għandha tkun utli u ħelwa, tagħti pjaċir u tgħin fl-iżvilupp morali tajjeb tal-bniedem. Mill-prinċipji tal-'prodesse' u tad-'dilectare', huwa jifforma poeżija li hija estensjoni tal-missjoni tiegħu ta' saċerdot kif fil-fatt turi silta mill-poeżija tiegħu Int Kollox:

*'Il fejn Mulej se nħares*
*U mħabbtek ma narax?*
*Lejn xiex widinti ndawwar*
*U leħnek ma nismax?*

*Jekk ħsiebi ngħaddas fl-ibħra –*
*Il-qroll bħal lwien ħaddejk,*
*Jekk fl-ogħla Sema nħares –*
*Ix-xmux imsiebaħ ħdejk.*

*Fissidni ħalli ntiegħem*
*Il-benna ta' dirgħajk*
*Int kollox għal dil-ħlejqa*
*Li għoġbok tħobb minn rajk.*

Il-kittieb jiddedika l-aħħar ftit paġni billi jinkludi xi poeżiji għaċ-ċkejknin bħal 'Muċċu Tiegħi', il-'Pupa Tiegħi', 'Dudu Ċkejken' flimkien ma' oħrajn, kollox stampat b'tipa li tinqara bla tbatija fuq karta mhux daqstant fina, bil-qoxra ta' quddiem b'ritratt ta' Frans Attard. Għal min iħobb il-poeżija u l-kelma u l-idjoma Maltija, tassew għandu fejn jixxala!

***Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***

# RUŻAR BRIFFA



Rużar Briffa twieled il-Belt nhar is-16 ta' Jannar 1906. Studja fl-iskola elementari tal-Gvern f'Sant'Iermu u l-Liċeo tal-Belt u, wara li għadda mill-eżamijiet tal-matrikola, fl-1923 beda jgħallem fl-iskejjel elementari. Kellu jkun l-ewwel għalliem bil-matrikola fid-Dipartiment. Fl-1924, beda l-istudju tiegħu fil-mediċina, fl-Universita` ta' Malta – studju li ssoktah f'Londra fil-Venereoloġija u d-Dermatoloġija u fl-1932 sar speċjalista tal-mard tal-ġilda. Mewta li bla dubju ta' xejn tefgħetu f'baħar ta' dulur kienet dik ta' martu Constance Winifrid Dunn li hu żżewweġ fl-1933. Minn dan iż-żwieġ kellu 'l bintu waħdanija Ċeċilja.

Fi żmienu kien magħruf bħala l-Poeta tas-Sbuħija. Sa minn tfulitu kien ifittex il-ġonna mwarrba, l-aktar dawk tal-Barrakka ta' Fuq kif ukoll ta' Hastings, il-Mall, Sammiżum u l-Argotti. Minn Lacrymae Rerum – l-ewwel lirika – sal-aħħar poeżija tiegħu, Ballatella tal-Funtana, insibu tabib sensittiv li josserva d-dinja mill-imwarrab, b'xewqa nostalġika għall-imgħoddi filwaqt li mġarrab bin-niket ta' ħaddieħor.

Fl-1931 flimkien ma' sieħbu Ġuże Bonnici waqqaf l-Għaqda tal-Malti (Universita`). F'Marzu ta' dik is-sena ħarġu l-ewwel għadd ta' Leħen il-Malti u f'Ottubru Briffa ngħata l-Aubrey Strachan Travelling Scholarship biex jissokta l-istudju tiegħu Londra.

Rużar Briffa ħadem bla mistrieħ meta faqqgħet il-pesta bubonika fl-1936 u dik tal-1945. Baqa' jara l-pazjenti fil-Crown Pharmacy sa ftit ġimgħat qabel ma miet, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar 1963, fid-dar tiegħu fil-Bini Vincenti, Triq id-Dejqa, il-Belt. L-Għaqda tal-Malti (Universita`) fakkritu bl-għadd speċjali ta' Leħen il-Malti fl-istess sena ta' mewtu u għaxar snin wara l-Moviment Qawmien Letterarju waħħal lapida kommemorattiva fil-Barrakka ta' Fuq, dak il-ġnien li tant ispira lill-poeta u li fih tħabbeb mal-poeżija.

# RUŻAR BRIFFA – *50 sena minn mewtu*

Nhar it-3 ta' Ġunju 2013 ġemgħa sabiħa attendiet għal serata mużiko-letterarja fil-Palazz ta' Sant'Anton imtellgħa mid-Dipartiment tal-Malti, l-Akkademja tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti – Università f'għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Rużar Briffa.



Ritratt - DOI - Martin Attard

Is-serata kommemorattiva, bit-tema Il-Ħolma tal-Poeta, saret taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, l-E.T. Dott. George Abela, u ddrammatizzat tliet lejtmotifi ewlenin fi programm multidixxiplinarju li kien jinkludi diskorsi kritiċi, qari, kant u drammatizzazzjoni ta' poeżiji.

Bijografija ta' Rużar Briffa awdjoviżiva mħejjija mill-Uffiċċju tal-President fetħet is-serata u wara diskors minn Dr Bernard Micallef, Prof. Oliver Friggieri flimkien ma' Dr Adrian Grima u Dr Immanuel Mifsud għamlu apprezzament letterarju fuq tliet temi preżenti tul il-poetika ta' Briffa: il-ħarba taż-żmien, ix-xewqat mhux mitmuma u s-solitudni fis-sofferenza u fil-mard.

L-atturi Renato Dimech, Sean Buhagiar, Alison Abela u Rowena Gauci Davison taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara ddrammatizzaw xogħlijiet ta' Briffa, fosthom Metamorfosis, Ħaġar Qim, Waħdi u Quo Vadis? Dr George Farrugia, Leanne Ellul u Marcel Zammit Marmarà qraw għażla ta' poeżiji tal-poeta. Fil-programm ħadu sehem ukoll Doreen Galea, Ludwig Galea, Dorothy Bezzina u Joseph Aquilina li kantaw xogħlijiet ta' Rużar Briffa mmużikati minn Dominic Galea.

Fi tmiem il-kommemorazzjoni, Mro Dominic Galea ppreżenta s-CD tiegħu "Karba" lill-President ta' Malta *(ara ritratt)*.

Rużar Briffa, li fi żmienu kien magħruf bħala l-Poeta tas-Sbuħija, twieled fl-1906 u wara li studja u speċjalizza fil-mard tal-ġilda ħadem qalb il-morda bil-lebbra kemm f'Malta kif ukoll fl-Indja. Il-poeżija kienet għalih terapija u fix-xogħlijiet tiegħu nilmħu t-tabib sensittiv li josserva d-dinja mill-imwarrab, b'xewqa nostalġika għall-imgħoddi filwaqt li mġarrab bin-niket ta' ħaddieħor.

# GRAZZI

Nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Rose Lofaro, membru tal-Grupp tagħna, għall-għajnuna li nirċievi mingħanda. Grazzi wkoll lil dawk li jgħinuni billi jibgħatu xi materjal biex nużawh f'dan il-Folju, fosthom is-Sinjuri Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, Leanne Ellul, il-Kav. Joe M. Attard u ħafna u ħafna oħrajn. Ringrazzjament speċjali lis-Sur Joe Borg għall-materjal li rċevejt minghandu dwar Il-Poeta Nazzjonali Dun Karm, Rużar Briffa u Karmenu Vassallo. Napprezza.